# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Tlettax (13) ta' Lulju 2023**

**Rikors Numru 749/2020 FDP**

Fl-ismijiet

**Richard Vella (K.I. 523359M)**

**Vs**

**Eagle Star (Malta) Limited (C104) fil-kwalita tagħha ta' Aġent tas-soċjeta' Zurich Assurance Limited**

**Brigitte Vella (K.I.203458M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 25 ta' Awissu 2020, li permezz tiegħu r- rikorrent talab is-segwenti:

> *1. Illi l-esponent kien ikkontratta "life policy" għalih mas-soċjeta' Eagle Star (Malta) Limited, bħala Agent tas-soċjeta' Zurich Assurance Limited, liema "life policy" kellha effett mit-23 ta' April, 1991 u mmaturat fit-23 ta' April, 2019.*
>
> *2. Illi bis-saħħa ta' sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Lulju, 1996 ġiet pronunzjata s-separazzjoni legali bejn l-esponent u l-konvenuta Brigitte Vella, u konsegwenzjalment it-terminazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ġja' eżistenti bejn l-esponent u l-istess konvenuta. Sussegwentement l-esponent u Brigitte Vella iddivorzjaw.*
>
> *3. Illi wara li seħħet it-terminazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti fl-1996, kif spjegat, l-esponent kompla jħallas il-"premium" tal-"life policy" riferenzjata sakemm ġiet biex immaturat fit-23 ta' April, 2019.*

*4. Illi meta mmaturat il-"life policy" kif ingħad l-esponent ġie mgħarraf li r-rikavat relattiv għandu jitħallas skond ma jidher fl-ittra datata l-21 ta' Awwissu, 2019 li qed tiġi hawn eżebita (Dokument A).*

*L-esponent oppona li r-rikavat jiġi mħallas b'dan il-mod għaliex evidentement wara li ġiet terminata l-komunjoni ta' l-akkwisti bejnu u bejn il-konvenuta Brigitte Vella, fl-1996, il-konvenuta ma baqgħetx intitolata li tkompli tipparteċipa fir-rikavat eventwali tal-polza, polza li dejjem tħallset mill-esponent sad-data li fiha mmaturat.*

*5. Illi s-socjeta' konvenuta ġiet interpellata, permezz ta' ittra uffiċjali datata d-19 ta' Frar, 2020, sabiex tħallas ir-rikavat tal-polza kif jispetta skont il-liġi, iżda baqgħet inadempjenti.*

*Jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex m'għandhiex din il-Qorti għar-raġunijiet suesposti:*

*i. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuta Brigitte Vella m'għandha l-ebda jedd skont il-liġi li tipperċepixxi n-nofs tal-valur li kellha l-polza fuq riferenzjata meta mmaturat fit-23 ta' April, 2019, kif ġie spjegat, bil-mod li ġie propost mis-soċjeta' Eagle Star (Malta) Limited (Dokument A);*

*ii. Tillikwida l-valur li għandu jitħallas lill-esponent mill-ammont pagabbli fid-data li fiha l-istess polza mmaturat, fid-dawl tat-terminazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti li seħħet kif ingħad fis-sena 1996 bejn l-esponent u l-konvenuta Brigitte Vella, u*

*iii. Tordna lill-konvenuta Eagle Star (Malta) Limited sabiex tħallas lill-esponent il-valur li jiġi hekk likwidat, bl-imgħax legali dekorribbli mid-data ta' l-ittra uffiċjali ta' l-esponent ippreżentata fid-19 ta' Frar, 2020;*

*Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tad-19 ta' Frar, 2020, kontra l-konvenuti nġunti in subizzjoni.*

2. Rat illi fit-12 ta' Ottubru 2020 is-soċjeta' Eagle Star (Malta) Limited irrispondiet għal dak mitlub billi qajmet s-segwenti difiżi:

   *Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti minħabba is-segwenti raġunijiet:-*

   *a) Illi l-polza in kwistjoni inħarġet fit-23 ta' April 1991 (aktar 'l isfel magħrufa bħala "il-Polza") meta r-rikorrenti kien għadu miżżewweġ mal-konvenuta l-oħra Brigitte Vella u matul iż-żwieġ tagħhom kien hemm viġenti r-reġim matrimonjali tal-komunjoni tal-akkwisti; illi għalhekk il-polza kienet tappartjeni kemm lir-rikorrenti u kif ukoll lill-*

*konvenuta fi kwoti indaqs bejniethom (kopja tal-Polza hawn annessa u mmarkata bħala Dok. ESI);*

b) *Illi meta immaturat il-polza, u ċioe' fit-23 ta' April 2019, is-soċjeta' konvenuta ġabret id-dokumentazzjoni li kienet neċessarja sabiex tiddetermina lil min hu dovut il-maturity value tal-polza;*

c) *Illi mid-dokumentazzjoni li rċeviet, irriżulta illi r-rikorrenti u l-konvenuta sseparaw permezz ta' sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili datata 16 ta' Lulju 1996 fl-ismijiet Brigitte mart l-istess Richard Vella f'isimha proprju u bħala kuratriċi "ad litem" ta' bintha minuri Diane Vella nominata minn din il-Qorti b'digriet tas-6 ta' Ottubru 1992 vs Richard Vella (Citazz. Nru 1100/92 FD) (aktar 'l isfel magħrufa bħala "s-Sentenza tas-Separazzjoni") li permezz tagħha, inter alia b'effett mid-data tas-Sentenza ta' Separazzjoni, ġiet xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn ir-rikorrenti u l-konvenuta (kopja tas-sentenza hawn annessa u mmarkata bħala Dok ES 2);*

d) *Illi s-soċjeta' konvenuta innotat illi s-Sentenza tas-Separazzjoni ma għamlitx referenza speċifika għall-polza in kwistjoni. In oltre, dwar il-komunjoni tal-akkwisti, is-Sentenza ta' Separazzjoni tipprovdi illi "kull kont bankarju jew ma' xi istituzzjoni finanzjarja oħra li preżentement jinsabu hekk depożitati f'isem xi waħda mill-partijiet jew f'isimhom it-tnejn għandhom jiġu żbankati, u flimkien ma' l-interessi u diviżi f'żewġ porzjonijiet ugwali u assenjati lill-kontendenti". Illi l-probabbilita l-kbira kienet illi l-polza ma kinetx fil-fatt ikkontemplata mal-kontijiet bankarji ecc, iżda anke jekk, għall-grazzja tal-argument, kienet l-intenzjoni tal-Qorti, bil-provvediment hawn fuq iċċitat, illi tipprovdi dwar il-Polza in kwistjoni taħt din il-parti tas-Sentenza ta' Separazzjoni, allura jirriżulta illi r-rikorrenti u l-konvenuta ma ottemporawx ruħhom mas-Sentenza ta' Separazzjoni għax ma talbux lis-soċjeta' konvenuta biex jitterminaw il-Polza (b'dak li jingħad li huwa surrender process) u minflok ħallewha fis-seħħ sakemm immaturat;*

e) *Illi s-Sentenza tas-Separazzjoni ġiet appellata u l-appell ġie deċiż fil-5 ta' Ottubru 2001 (aktar 'l isfel magħrufa bħala "is-Sentenza ta' l-Appell") (kopja tas-Sentenza ta' l-Appell hawn annessa u mmarkata bħala Dok. ES 3) li permezz tagħha s-Sentenza ta' Separazzjoni ġiet ikkonfermata fir-rigward tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn ir-rikorrenti u l-konvenuta;*

f) *Illi fid-dawl tas-Sentenza tas-Separazzjoni u tas-Sentenza ta' l-Appell, is-soċjeta' konvenuta sabet ruħha f'pożizzjoni illi kellha teżegwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti fil-mument meta immaturat il-Polza u għalhekk iddeċidiet illi l-maturity value tal-polza in kwistjoni fl-ammont globali ta' Euro 37,528.93 kellu jiġi diviż f'żewġ partijiet ugwali bejn ir-rikorrenti u l-konvenuta pero' mis-sehem tal-maturity value li kien dovut lill-konvenuta kellu jitnaqqas il-premium illi kien ħallas ir-rikorrenti għan-nom tal-konvenuta sabiex ma jkun hemm l-ebda*

*arrikiment inġust favur il-konvenuta l-oħra Brigitte Vella. Għalhekk, is-soċjeta' esponenti kienet disposta illi tħallas Euro 12,569.59 favur il-konvenuta u Euro 24,959.34 favur ir-rikorrenti, u dan kif kien ikkomunikat lir-rikorrenti diversi drabi inkluż permezz tal-ittra tas-soċjeta' konvenuta datata 21 ta' Awissu 2019 (Dok. A annessa mar-rikors ġuramentat);*

g) *Illi s-soċjeta' konvenuta qed ittenni illi l-maturity value għandu jitħallas lir-rikorrenti u lill-konvenuta l-oħra fl-ammont ta' Euro 24,959.34 u Euro 12,569.59 rispettivament minħabba illi l-Polza in kwistjoni inħarġet fit-23 ta' April 1991 meta r-rikorrenti kien għadu miżżewweġ mal-konvenuta l-oħra Brigitte Vella u matul iż-żwieġ tagħhom kien hemm viġenti r-reġim matrimonjali tal-komunjoni tal-akkwisti, u għalhekk il-polza kienet tappartjeni kemm lir-rikorrenti u kif ukoll lill-konvenuta;*

h) *Illi huwa ta' min jinnota illi r-rikorrenti stess irrikonoxxa illi l-valur tal-polza sad-data tat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti għandu jinqasam bejn ir-rikorrenti u l-konvenuta nofs bin-nofs minkejja illi huwa jinsisti illi huwa kien ħallas il-premium waqt li kien għadu miżżewweġ u dan kif jirriżulta mill-ittra bonarja datata 28 ta' Ottubru 2019 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. ES 4) u mill-ittra uffiċċjali tar-rikorrenti datata 19 ta' Frar 2020 (606/2020) (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok. ES 5);*

i) *Illi d-disgwid huwa dwar l-allegat dritt tar-rikorrenti fuq il-valur tal-polza in kwistjoni wara li ġiet xolta l-komunjoni tal-akkwisti;*

j) *Illi s-soċjeta' konvenuta hija tal-fehma illi minkejja illi l-komunjoni tal-akkwisti ġiet itterminata bejn ir-rikorrenti u l-konvenuta fis-16 ta' Lulju 1996, is-sehem tal-konvenuta fil-polza in kwistjoni ma ġiex assenjat lir-rikorrenti u għalhekk il-konvenuta Brigitte Vella baqgħet sid tal-Polza flimkien mar-rikorrenti barra mir-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti. In-nofs sehem indiviż tal-konvenuta Brigitte Vella fil-Polza in kwistjoni la ma ġie u lanqas ma seta' jiġi awtomatikament assenjat lir-rikorrenti minħabba sempliċiment illi kien hemm terminazzjoni fil-komunjoni tal-akkwisti bejn ir-rikorrenti u l-konvenuta l-oħra u / jew għax ir-rikorrenti baqa' jħallas il-premium wara li ġiet itterminata l-komunjoni tal-akkwisti. Dan ir-riżultat kien jintlaħaq mir-rikorrenti jekk is-sentenzi tal-Qorti fuq imsemmija iddikjaraw illi l-Polza in kwistjoni ġiet assenjata mill-konvenuta Brigitte Vella favur ir-rikorrenti jew kien hemm ftehim ta' assenjazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-konvenuta f'xi data aktar tard. Difatti la s-sentenzi tal-Qorti fuq imsemmija ma jipprovdu xejn dwar dan u s-soċjeta' konvenuta lanqas qatt ma ġiet ippreżentata b'ftehim ta' assenjazzjoni tas-sehem indiviż tal-Polza li tappartjeni lill-konvenuta Brigitte Vella favur ir-rikorrenti, għalhekk il-polza għandha tibqa' titqies bħala li għadha proprjeta' komuni bejn ir-rikorrenti u l-konvenuta għalkemm mhux parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Naturalment, ċio nonostante, distinzjoni trid issir bejn minn huma is-sidien tal-polza in kwistjoni u min ħallas il-premium. Fir-rigward tal-*

*ħlas tal-premium, is-soċjeta' konvenuta taqbel illi jekk ir-rikorrenti ħallas il-premium wara li ġiet itterminata l-komunjoni tal-akkwisti, allura il-konvenuta m'għandhiex tgawdi minn arrikkiment inġust u għalhekk ir-rikorrenti għandu jiġi ikkompensat għall-premium li ħallas għall-Polza in kwistjoni wara li ġiet terminata l-komunjoni tal-akkwisti bejn ir-rikorrenti u l-konvenuta; b'daqshekk biss pero' mhuwiex intitolat ir-rikorrenti li jivvanta ruħhu bħala sid tal-Polza f'sehem akbar minn nofs;*

k) *Illi minkejja dan kollu, is-soċjeta' konvenuta spjegat lir-rikorrenti diversi drabi illi hija kienet disposta illi tħallas fi kwalunkwe proporzjonijiet oħrajn differenti sakemm ikun hemm il-kunsens tal-konvenuta l-oħra. Illi is-soċjeta' konvenuta m'hija bl-ebda mod tenuta illi tkun hi li tottjeni tali ftehim bejn is-sidien tal-Poloz maħruġa minnha, liema ftehim jinkombi lill-istess sidien. Fin-nuqqas, is-soċjeta' konvenuta ma kienx ser ikollha għaġġla oħra għajr illi tiddepożita l-maturity value taħt l-awtorita' tal-Qorti sabiex jiġu liberament żbankati mir-rikorrenti u mill-konvenuta bi qbil bejniethom. Jidher ċar illi r-rikorrenti ma wasalx f'tali ftehim mal-konvenuta l-oħra u għalhekk għamel din il-kawża. Għaldaqstant is-soċjeta' konvenuta mhijiex aktar disposta tkompli żżomm il-maturity value tal-polza, liema ammont kienet ilha disposta illi tħallas sa mid-data tal-maturita' tal-polza u għamlet hekk biss bl-għan illi jintlaħaq ftehim bejn ir-rikorrenti u l-konvenuta l-oħra. Wara ħafna stennija da parti tas-soċjeta' konvenuta illi jintlaħaq il-ftehim mixtieq bejn ir-rikorrenti u l-konvenuta l-oħra, is-soċjeta' konvenuta m'għandhiex għażla ħlief li issa tiddepożita l-maturity value tal-polza taħt l-awtorita' tal-Qorti kif fuq spjegat;*

l) *Illi għal dawn ir-raġunijiet kollha kif hawn fuq spjegati, u kif ser jiġu aktar amplifikati waqt it-trattazzjoni tal-kawża, is-soċjeta' konvenuta tipprotesta l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri ġudizzjarji u drittijiet legali, inkluż dawk taċ-ċedola ta' depożitu fuq imsemmija, kontra ir-rikorrenti u l-konvenuta l-oħra bl-ikbar qawwa kollu, liema proċeduri ġudizzjarji fil-fatt huma imsejsa iktar fuq pika ta' bejn iż-żewġ kontendenti l-oħra fil-kawża milli fuq xi dritt illi tnaqqasilhom permezz tal-aġir irregolari tas-soċjeta' konvenuta;*

m) *Salv eċċezzjonijiet oħra permissibbli mil-liġi.*

*Bl-ispejjeż.*

3. Rat li fit-3 ta' Novembru 2020, l-intimata Brigitte Vella irrispondiet għal dak mitlub billi qajmet is-segwenti difiżi:

1. *Illi l-polza in kwistjoni inħarġet fit-23 ta' April 1991, fiż-żmien meta r-rikorrenti u l-esponenti kienu miżżewġin u meta kien hemm viġenti bejniethom ir-reġim matrimonjali tal-komunjoni tal-akkwisti;*

2. *Illi kuntrarjament għal dak li qiegħed jgħid ir-rikorrenti u kuntrarjament għall-konklużjonijiet tal-konvenuta l-oħra r-reġim matrimonjali tal-*

*komunjoni tal-akkwisti ġie tterminat fil-5 ta' Ottubru 2001 bis-saħħa ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell (anness fir-Risposta Ġuramentata ta' Eagle Star (Malta) Limited bħala Dok ES3, fl-ismijiet Brigitte Vella vs Richard Vella), u mhux fis-16 ta' Lulju 1996;*

3. *Illi din is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-5 ta' Ottubru 2001 kienet ikkonfemat id-deċiżjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Lulju 1996 billi:*

> *... iddikjarat xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti sa issa eżistenti bejn il-kontendenti u billi iddividietha fis-sens li assenjat lil kull parti dak kollu li preżentement jinsab fil-pussess ta' l-istess parti, inklużi flus, oġġetti prezzjużi u vetturi, u fejn ordnat li kull kont bankarju jew ma' xi istituzzjoni finanzjarja oħra li preżentement jinsabu hekk depożitati kemm f'isem xi waħda mill-partijiet jew f'isimhom it-tnejn għandhom jiġu żbankati, u flimkien ma l-interessi u diviżi f'żewġ proporzjonijiet ugwali u assenjati lill-kontendenti.*

4. *Illi l-polza mertu ta' din il-kawża kienet polza "with profits" (fejn is-"Sum Assured" kien jikkonsisti fi "Lm5500 with profits on 23rd April 2019 or on proof of earlier death of the life assured" (ara Dok ESI anness mar-Risposta Ġuramentata ta' Eagle Star (Malta) Limited), u li għaldaqstant din il-polza ma kinetx biss sempliċi "life policy", iżda kellha wkoll fiha element ta' investiment;*

5. *Illi b'konsegwenza tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tal-5 ta' Ottubru 2001, ir-rikorrenti kellu l-obbligu illi jillikwida din il-polza sabiex ir-rikavat (flimkien mal-profitti u interessi fuq din l-istess polza sa dak iż-żmien) jinqasmu ugwalment bejn ir-rikorrenti u l-konvenuta esponenti;*

6. *Illi għalkemm id-dokumentazzjoni tal-polza juru biċ-ċar illi din il-polza kellha "cash surrender value" wara li jkunu tħallsu sentejn ta' "premium", u fejn għaldaqstant din il-polza setgħet tiġi likwidata sa' mis-sena 1993, ir-rikorrenti baqa' qatt ma llikwida din il-polza kif kellu l-obbligu li jagħmel;*

7. *Illi l-konvenuta Brigitte Vella ma setgħetx tillikwida din il-polza hija stess stante illi din il-polza kienet f'isem ir-rikorrenti;*

8. *Illi l-konvenuta Brigitte Vella tkun ippreġudikata jekk tingħata biss il-maturity value sa meta ġiet itterminata l-komunjoni tal-akkwisti, kif qiegħed jipproponi r-rikorrenti, għaliex dan ikun ifisser illi r-rikorrenti jkun qiegħed igawdi mill-profitti illi saru minn fuq il-porzjon li japparttjeni lill-konvenuta Brigitte Vella mid-data tat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti sal-"maturity' ta' din il-polza, u li għaldaqstant ikun ifisser illi r-rikorrenti igawdi minn arrekkiment inġust;*

9. *Illi t-teżi tal-konvenuta Brigitte Vella hija dik illi la darba din il-polza ġiet ikkuntrattata matul iż-żwieġ u qatt ma ġiet itterminata, hija baqgħet*

*viġenti għall-benefiċċju ta' dawk li kellhom jibbenefikaw minnha fid-data ta' meta l-polza ġiet ikkuntrattata, ċioe' Richard Vella u Brigitte Vella;*

10. *Illi la darba din il-polza ġiet ikkuntrattata matul iż-żwieġ taħt ir-reġim matrimonjali tal-komunjoni tal-akkwisti, u aktar u aktar fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (kif fuq ċitat), il-konvenuta Brigitte Vella taqbel mat-teżi tal-konvenuta l-oħra dwar kif għandu jinqasam il-maturity value tal-polza, għajr illi wieħed għandu jemenda dawn il-kalkoli sabiex tittieħed in konsiderazzjoni li l-komunjoni tal-akkwisti ġiet itterminata fil-2001 u mhux fil-1996, u hekk kif spjegat aktar ċar fid-dokument hawn anness bħala Dok. BVI;*

11. *Illi jekk il-maturity value jinqasam kif propost mill-konvenuta l-oħra (emendat kif deskritt hawn fuq u Dokument BVI ) tkun qiegħda biss tiġi esegwita s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-5 ta' Ottubru 2001;*

12. *Illi għal kull buon fini qiegħed jiġi ppreċiżat illi l-konvenuta Brigitte Vella m'għandhiex oġġezzjoni illi r-rikorrenti jiġi kkompensat għall-premium li ħallas għall-benefiċċju tagħha fuq din il-polza wara li ġiet itterminata l-komunjoni tal-akkwisti sabiex jiġi evitat arrekiment inġust;*

13. *Illi r-rikorrenti qatt ma avviċina lill-konvenuta Brigitte Vella fuq il-kwistjonijiet meritu ta' din il-kawża u hija saret taf bid-differenzi fl-interpretazzjonijiet li bdew jingħataw mir-rikorrenti u mis-soċjeta' konvenuta l-oħra wara li bdew dawn il-proċeduri ġudizzjarji biss. Għaldaqstant il-konvenuta Brigitte Vella tipprotesta l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u drittijiet legali kollha, liema proċeduri huma fil-fatt imsejsa biss fuq il-fatt illi r-rikorrenti naqas milli jillikwida din il-polza meta kellu l-obbligu li jagħmel dan fis-sena 2001, u fuq il-fatt illi meta mmaturat din il-polza huwa prova jillikwida din il-polza bil-moħbi tal-konvenuta Brigitte Vella;*

14. *Salv eċċezzjonijiet oħra permissibli mil-liġi.*

*Bl-ispejjeż.*

**Provi:**

4. Rat in-nota tas-soċjetà Eagle Star Malta Limited, fil-kwalità tagħha ta' aġent tas-soċjetà Zurich Assurance Limited ippreżentata fis-27 ta' Ottubru 2020, fejn ippreżentat ċedola ta' depożitu numru 1620/2020 anness a bħala Dok A (fol 74).

5. Rat l-affidavit ta’ **Richard Vella** ippreżentat fid-19 ta' Jannar 2021 (fol 89).

6. Rat l-affidavit ta’ **Brigitte Vella** tal-1 ta' Diċembru 2021 (fol 97).

7. Rat l-affidavit ta’ **Malcolm Cachia** ippreżentat fid-9 ta' Frar 2022 (fol 100).

8. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta’ Malcolm Cachia mogħtija fit-12 Mejju 2022 (fol 114).

9. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Brigitte Vella mogħtija fit-12 ta' Mejju 2022 (fol 117).

10. Rat li fl-14 ta' Novembru 2022, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali wara li ingħalqu l-provi tal-partijiet.

11. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tar-rikorrent Richard Vella ippreżentata fl-14 ta' Lulju 2022 (fol 125).

12. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali ta' l-intimata Brigitte Vella tal-15 ta' Novembru 2022 (fol 159).

13. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali ta' Eagle Star Malta Limited tal-15 ta' Novembru 2022 (fol 144).

## Fatti tal-każ

14. Jirriżulta li Richard Vella u Brigitte Vella, li kienu miżżewġin, kellhom polza ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja bin-numru 3513394 eżebita Dok ES1 fol 19 tal-proċess. Jirriżulta li din il-polza inħarġet fit-23 ta' April 1999, meta l-partijiet kienu għadhom miżżewwġin, u kien hemm viġenti ir-reġim matrimonjali tal-komunjoni tal-akkwisti.

15. Jirriżulta li l-polza in kwistjoni immaturat fit-23 ta' April 2019, meta rriżulta li l-eks konjuġi Vella kienu isseparaw permezz ta' sentenza tal-Prim' Awla Qorti Civili datata 16 ta' Lulju 1996, fl-ismijiet "Brigitte Vella f'isimha propju bħala kuratriċi ta' bintha minuri Diane Vella innominata minn din il-Qorti b'digriet tas-6 ta' Ottubru 1992 vs Richard Vella." Ċit Numru 1100/92 FD). Jirriżulta li din is-sentenza ġiet appellata u deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001.

16. Jirriżulta li permezz tas-sentenza ta' separazzjoni, ġiet xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn l-eks konjuġi Vella kif jidher minn Dok ES 2 fol 24.

17. Jirriżulta li fil-każ odjern, Richard Vella insista li l-'*maturity value*' **<u>kollu</u>** kien dovut lilu, minħabba li l-polza kienet intestata f'ismu. Ir-rikorrent sostna wkoll li wara li seħħet it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fis-sena 1996, huwa kompla jħallas il-premium tal-'life policy' sakemm ġiet biex timmatura l-polza fit-23 ta' April 2019.

18. Jirriżulta li permezz ta' ittra datata 28 ta' Ottubru 2019 (fol 67) ir-rikorrent ġie infurmat kif kellha tinqasam il-polza skont il-liġi.

19. Jirriżulta sussegwentement li r-rikorrent ippreżenta ittra uffiċjali numru 606/2020 tad-19 ta' Frar 2020, u interpella lis-soċjetà intimata sabiex tħallas nofs il-valur tal-polza oltre` l-valur sħiħ li akrexxa wara dik id-data sat- 23 ta' April 2019, bl-imgħax legali Dok ES5 (fol 69).

## Meritu tal-każ

20. Ir-rikorrenti qed jipproċedi b'dan il-każ sabiex il-polza ta' assigurazzjoni mertu ta' dan il-każ, tiġi likwidata fid-dawl tat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjuġi Vella, li seħħet fis-sena 1996 permezz ta' sentenza tal-Qorti Prim Awla Ċivili tas-16 ta' Lulju 1996, li ddikjarat is-separazzjoni bejn il-konjuġi Vella. Għalhekk, f'dan

il-każ, prinċipalment tramite l-ewwel talba tar-rikors promotur, ir-rikorrent qed jopponi li r-rikavat tal-imsemmija polza ta' assigurazzjoni jiġi mħallas b'mod ugwali bejnu u bejn Brigitte Vella.

21. Min-naħa l-oħra, l-intimata Brigitte Vella qed toġġezzjona għat-talbiet tar-rikorrent, u sostniet li r-rikorrent kellu l-obbligu li jillikwida din il-polza sabiex ir-rikavat flimkien mal-profitti u interessi fuq din l-istess polza saż-żmien tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tal-5 ta' Ottubru 2001 jinqasmu ugwalment bejn ir-rikorrenti u l-konvenuta. Hija ikkjarifikat li m' għandhiex oġġezzjoni li r-rikorrent jiġi ikkumpensat għal 'premium' li ħallas għall-benefiċċji tagħha, fuq din il-polza wara li ġiet itterminata il-komunjoni tal-akkwisti.

## L-Ewwel Talba

22. Jibda biex jingħad li l-ewwel talba tal-azzjoni tar-rikorrent hija sabiex jiġi deċiż li l-konvenuta Brigitte Vella m'għandha ebda jedd li tipperċepixxi nofs il-valur li kellha l-polza in kwistjoni meta mmaturat fit-23 ta' April 2019.

23. F'dan il-kuntest, jiġi puntwalizzat, li l-polza in kwistjoni bdiet fit-23 ta' April 1991, meta kien għad hemm viġenti, r-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti bejn ir-rikorrent u Brigitte Vella u mmaturat fit-23 ta' April 2019.

24. Huwa imperattiv, li f'dan l-istadju, jiġu eżaminati is-sentenzi tal-Qorti li ppronunzjaw is-separazzjoni ta' bejn il-konjuġi Vella. Permezz ta' sentenza tal-Prim' Awla Qorti Ċivili tas-16 Lulju 1996, ġiet xolta l-komunjoni tal-akkwisti. F'din is-sentenza ġie ribadit hekk:

> *".... Id-dikjarazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti sa issa eżistenti bejn il-kontendenti u billi iddividietha fis-sens li assenjat li kull parti dak kollu li preżentament jinsab fil-pussess ta' l-istess parti, inklużi flus, oġġetti prezzjużi u vetturi, u fejn ordna f'kull kont bankarju jew ma xi istituzzjoni finanzjarja oħra li preżentement jinsabu hekk depożitati kemm f'isem xi waħda mill-partijiet, jew f'isimhom it-tnejn, għandhom jiġu żbankati, u flimkien mal-interessi u diviżi f'żewġ porzjonijiet ugwali huwa assenjat il-kontendenti."*

25. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell tal-5 ta' Ottubru 2001, f'isem il-konjuġi Vella, ingħad li ġiet ikkonfermata sentenza tal-Prim' Awla Qorti Ċivili, fejn iddikjarat xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, u billi d-diviżjoni kellha ssir, fis-sens li kull parti jiġi assenjat dak kollu li preżentament jinsab fil-pussess tal-istess parti inklużi flus, oġġetti prezzjużi, u vetturi, u fejn ordnat li kull kont bankarju jew ma' xi istituzzjoni finanzjarja oħra li preżentament jinsabu hekk depożitati kemm f'isem xi waħda mill-partijiet, jew f'isimhom it-tnejn għandhom jiġu żbankati, u flimkien mal-interessi u diviżi f'żewġ porzjonijiet ugwali u assenjati lill-kontendenti, u fejn ordnat li l-attriċi għandha żżomm l-ammont parafernali, li hija kienet ġabet magħha meta żżewġet u li għadhom fil-pussess tagħha.

26. Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dak sostnut mill-intimata Vella fit-tieni eċċezzjoni tagħha, li r-reġim matrimonjali tal-komunjoni tal-akkwisti ġie itterminat fil-5 ta' Ottubru 2001, dan għaliex huwa ċar li r-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti ġie itterminat

ma' l-ewwel sentenza deċiża mill-Prim' Awla Qorti Civili fis-sena 1996. Il-Qorti tal-Appell kull ma għamlet huwa li kkonfermat id-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti.

27. Għalhekk, tiċħad it-tieni eċezzjoni ta' l-intimata Vella.

*28.* Minn analiżi tas-sentenzi tal-Qorti, jidher b'mod ċar li ma ġie indikat xejn speċifiku dwar il-polza ta' assigurazzjoni in kwistjoni. Għalhekk, għalkemm l-imsemmija polza ġiet itterminata fis-sena 1996, meta ġiet xolta l-komunjoni tal-akkwisti, dik il-polza baqgħet in komuni. Għalhekk, dak sottomess mir-rikorrent dwar il-fatt li l-komunjoni tal-akkwisti ġiet xolta, b' hekk is-somma rappreżentanti l-polza mertu ta' din il-vertenza m' għandhiex tinqasam ugwalment, huwa argument li ma jreġġix.

29. Għaldaqstant, tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrent f'dan ir-rigward. Konsegwentement, tilqa' r-raba', l-ħames, is-sitt, is-seba', it-tmien, id-disa' u l-għaxar eċċezzjoni tal-intimata Brigitte Vella.

## It-Tieni Talba

30. Fit-tieni talba, ġie mitlub li jiġi likwidat il-valuri li għandu jitħallas lir-rikorrent mill-ammont pagabbli fid-data li fiha l-istess polza immaturat fid-dawl ta' terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti li seħħet fis-sena 1996.

31. Referibbilment għal dan il-punt, Brigitte Vella fis-sottomissjonijiet tagħha, sostniet li b'konsegwenza tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, ir-rikorrent kellu l-obbligu li jillikwida il-polza. Ġie sottomess ukoll mill-intimata Vella fis-sottomissjonijiet, li fil-korrispondenza eżebita bħala Dok ES4, ir-rikorrent aċċetta l-valur tal-polza sad-data tat-terminazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, għandu jinqasam bejnu u bejn il-konvenuta Brigitte Vella nofs bin-nofs ugwalment. L-intimata, għamlet ukoll referenza għall-affidavit tar-rikorrent fejn fl-istess affidavit, ir-rikorrent fix-xhieda tiegħu, irrikonoxxa li Brigitte Vella kienet intitolata għal sehemha mill-valur tal-polza, sad-data li fiha spiċċat il-komunjoni tal-akkwisti.

32. Fil-fatt, jidher li dak reklamat mir-rikorrent kemm fil-premessi u fit-talbiet, jikkonċerna l-perjodu meta l-komunjoni tal-akkwisti ġiet xolta u meta l-intimata Vella, kif sostna ir-rikorrent stess, ma kinitx intitolata li tkompli tipparteċipa fir-rikavat eventwali tal-polza.

33. Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti hija tal-fehma li preċiżament jekk il-polza in kwistjoni hija in komuni bejn l-eks konjuġi Vella, il-premium, li kien qed jitħallas versu din il-polza kellu jkun in komuni wkoll fis-sens li kellu jitħallas nofs bin-nofs.

34. Għalkemm ir-rikorrent ma ressaqx prova speċifika dwar il-premiums imħallsa, jiġi osservat li mid-dokumenti eżebiti, preċiżament minn kopja tal-polza annessa mar-risposta tas-soċjetà Eagle Star (Malta) Limited, fol 20 tal-proċess, jidher ampjament ċar, li kien jitħallas l-ammont ta' LM 230.77 kull sena u dan mit-23 ta' April 1991, sa April 2018.

35. Għaldaqstant għalkemm il-polza in kwistjoni, tibqa' in komun bejn iż-żewġ partijiet ossija bejn Richard Vella u Brigitte Vella, izda din il-Qorti qed tieħu konjizzjoni wkoll

tat-12 il-paragrafu fir-risposta ta' l-intimata Brigitte Vella, liema eċċezzjoni hija sinjifikanti f'dan ir-rigward.

36. Infatti tramite din it-tnax il-eċċezzjoni fir-risposta ta' l-intimata, ġie eċċepit li għal kull bon fini, qiegħed jiġi ppreċiżat li Brigitte Vella m' għandhiex oġġezzjoni li r-rikorrent jiġi ikkompensat għall-premium li jħallas għall-benefiċċju tagħha, fuq din il-polza, wara li ġiet itterminata l-komunjoni tal-akkwisti, sabiex jiġi evitat arrekkiment inġust.

37. In vista ta' din l-eċċezzjoni ta' l-intimata, din il-Qorti tieħu konjizzjoni tad-dokument eżebit mar-rikors promotur bħala Dok A fol 5 tal-proċess, liema dokument huwa maħruġ mis-soċjeta' intimata Eagle Star (Malta) Limited, u d-dokument intbagħat minn Malcolm Cachia bħala Direttur tas-soċjeta' intimata, lir-rikorrent Richard Vella fil-21 ta' Awissu 2019, fejn hemm elenkat is-segwenti:

| | |
|---|---|
| **Brigittie Vella**: ½ of the maturity value of € 37,528.93 - | € 18,764.46 |
| Less ½ of the premiums paid after 16 July 1996 | (€ 6,194.87) |
| Total Payment: | € 12,56.59 |
| **Richard Vella**: ½ of the maturity value of €37,528.93 | € 18,764.47 |
| Add ½ of the premiums paid after 16 July 1996 | € 6,194.87 |
| Total Payment: | € 24,959.34 |

38. In vista tas-suespost din il-Qorti, tasal għall-konklużjoni, li dak elenkat f'dan id-dokument juri, iswed fuq l-abjad, il-pagamenti rappreżentattivi, li saru qabel ma l-imsemmija polza immaturat. Huwa preċiżament f'dan ir-rigward, li l-istess intimata ma oġġezzjonatx illi r-rikorrent jitħallas tal-premiums imħallsa minnu għan-nom tagħha mis-16 ta' Lulju 1996 'il quddiem.

39. Il-Qorti tqis li, filwaqt li mhuwiex minnu li Bridgitte Vella tilfet id-dritt ta' nofs il-valur tal-polza iżda minn provi u mid-dokumenti in atti, joħroġ punt saljenti, li dak imħallas mir-rikorrent għan-nom tagħha wara x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, għandu jiġi rifuż lilu mhux lil Brigitte Vella, dan minħabba dak sostnut minna stess fit-tnax-il eċċezzjoni tagħha, sabiex ma jkunx hemm arrikkiment inġust.

40. Għaldaqstant fid-dawl ta' dawn il-fatti u ċirkostanzi, din il-Qorti ser tilqa' it-tieni talba tar-rikorrent, billi tillikwida l-valur kif għandu jitħallas lill-eks konjuġi Vella skont dak hawn fuq elenkat, kif rifless fid-dokument fol 5 tal-proċess. Konsegwentement, tilqa' wkoll it-tielet talba tar-rikorrent, u tordna is-soċjetà Eagle Star (Malta) Limited tħallas il-valur hekk likwidat, kif speċifikatament indikat fid-dokument fol 5 tal-proċess.

41. Rigward l-eċċezzjoni tal-intimata Vella fejn hija qed tipprotesta ruħha għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, u drittijiet legali kollha, jingħad li kemm Richard Vella u kemm Brigitte Vella għandhom iħallsu bejniethom l-ispejjeż ta' dan il-każ. Inoltre`, għandhom jaqsmu bejniethom ukoll l-ispejjeż tas-soċjetà intimata Eagle Star (Malta) Limited. Konsegwentement, tiċħad it-tlettax il-eċċezzjoni tal-intimata Brigitte Vella.

**It-Tielet Talba**

42. Referibbilment għal dak mitlub fit-tielet talba, fejn jirrigwarda l-ħlas ta' l-imgħax, ikkunsidrat li l-flejjes depożitati bħala premiums, m'hemmx imgħax fuqhom.

43. F'dan l-istadju, din il-Qorti qed taqbel mal-komputazzjonijiet tas-soċjetà intimata Eagle Star (Malta) Limited, hekk kif jidhru fol 5 tal-proċess.

44. Għaldaqstant, din il-Qorti mhux se tilqa' t-talba għall-imgħax.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tar-rikorrent u tal-intimat.

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tiċħad l-Ewwel Talba** tar-rikorrent kif dedotta għar-raġunijiet spjegati.

**Tilqa' t-Tieni Talba** tar-rikorrent u għalhekk:

**Tordna** li l-valur li għandu jitħallas lir-rikorrent Richard Vella għandu jkun ta' erbgħa u għoxrin elf, disa' mija disgħa u ħamsin Ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€24,959.34), filwaqt illi l-valur li għandu jitħallas lill-intimata Brigitte Vella għandu jkun ta' tnax-il elf ħames mija disgħa u sittin Ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€ 12,569.59).

**Tilqa' t-Tielet Talba** tar-rikorrent, limitatament kif ġej, u dan billi tordna lis-soċjeta' intimata Eagle Star (Malta) Limited tħallas l-ammont ta' erbgħa u għoxrin elf, disa' mija, disgħa u ħamsin Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€ 24,959.34) lil Richard Vella, filwaqt illi l-bilanċ ta' tnax-il elf, ħames mija disgħa u sittin Ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€ 12,569.59) jista' jingħata lill-intimata Brigitte Vella.

Tiċħad it-talba għall-imgħax legali dekoribbli mid-data tal-Ittra Uffiċjali tad-19 ta' Frar 2020.

**Dwar l-ispejjeż** għall-proċedura odjerna, ir-rikorrent Richard Vella u l-intimata Brigitte Vella għandhom ibagħtu l-ispejjeż tagħhom filwaqt illi l-ispejjeż tas-soċjeta' Eagle Star (Malta) Limited għandhom jitħallsu minn Richard Vella u Brigitte Vella ugwalment bejniethom.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur